*l-ilsien jitgħallmu aktar bil-ħeffa u jixtarru bla tfixkil u jżommu f'moħħhom dak li huma jkunu tgħallmu.*

*Jekk irridu li t-tfal tal-iskola jkollhom sisien sodi ta' kultura, għandna nibdewlhom it-tagħlim b'ilsienhom. Għalhekk jagħmlu ħażin dawk li jibdew igħallmu t-tfal żgħar b'ilsien barrani u jħallu t-tagħlim tal-Malti għas-snin ta' wara (jekk ukoll ma jħalluhx għalkollox barra kif qiegħed jiġri f'xi skejjel u kulleġġi!) Fl-ebda naħa tad-dinja ċivilizzata ma ssib skejjel li jibdew it-tagħlim f'ilsien barrani lit-tfal żgħar. Għax għandna nkunu aħna li nagħmlu dan l-iżball oħxon, żball li jħalli lit-tfal tagħna dgħajfin għal għomorhom?*

*Bniedem li ma jinqalax biex jikteb u jitkellem b'ilsien art twelidu qatt ma jkun kapaċi biex jieħu sehem fil-ħidmiet ta' pajjiżu, qatt ma jkun jista' jagħdi dmirijietu bħala ċittadin b'dik il-ħeffa u b'dik id-disinvoltura li jixraq mhux biss lil persuna pubblika, iżda wkoll lil bniedem tan-negozju u lil raġel tax-xogħol. Barra dan, hu wkoll magħruf li bniedem mhux kapaċi f'ilsien art twelidu, qatt ma jkun tajjeb f'ilsna oħra.*

*Mela dawk li huma fil-ħakma huma wkoll fid-dmir li jieħdu ħsieb l-ilsien Malti u jgħallmuh kif imiss u dan mhux biss għar-raġuni ta' patrijottiżmu iżda wkoll għax jaqbel u hu ta' vantaġġ għall-ġid tal-poplu u għall-prosperità u l-progress tal-pajjiż.*

## BIDLA

*Ta' JOHN SCIBERRAS*

U xejn ma baqa' tal-bieraħ:
Warrab is-sħab mudlam, ħemed ir-riħ,
Feġġet fuq baħar nir ix-xemx qalila,
U ġewwa l-ġnien fetaħ il-fjur fewwieħ.

Għabet il-kruha minn ġol-ħolqien kollu
U ntesa kollox qisu qatt ma kien,
L-istess bħalm'għabu u ntesew id-dwejjaq
Li l-bieraħ jassru 'l qalbi bla serħien.



# TIFKIRA TA' DANTE ALIGHIERI

## KONTRIBUZZJONIJIET TAS-SEBA' CENTENARJU MIT-TWELID TA' DANTE

Bħala tifkira tas-Seba' Ċentenarju mit-Twelid tal-Kbir Poeta DANTE ALIGHIERI li jaħbat din is-sena hawnhekk ippubblikajna l-ewwel kontribuzzjoni mill-pinna tas-Sur L.R. Schiavone, M.A., (London)., Dip. Educ. (London) taħt it-titlu ta' "L-Iskrittura Mqaddsa u d-Divina Commedia ta' Dante Alighieri". Il quddiem għandhom jidhru iż-żewġ kontribuzzjonijiet l-oħra, jiġifieri dawk li jitkellmu fuq il-*Purgatorju* u l-*Ġenna*. Nittamaw li dan l-istudju hekk sabiħ u ta' reqqa kbira fil-kummenti tiegħu jiġi moqri u apprezzat skond ma jixraqlu mill-qarrejja tagħna.

Fost il-kotba li din id-darba irċevejna għal-librerija tad-Dar tal-Għaqda waslilna l-ktieb tat-traduzzjoni bil-Malti tal-*Infern* mid-*Divina Commedia* magħmula mis-Sur Erin Serracino-Inglott, Membru Akkademiku tal-Għaqda. Ix-xogħol, bħala traduzzjoni bil-Malti, s'issa huwa l-*uniku* fil-letteratura Maltija, u, fuq hekk, fil-waqt li l-Għaqda tiżżiħhajr tal-għoti sabiħ li għoġbu joffri lil-Librerija tagħna, nifirħulu bil-qalb kollha talli rnexxielu jagħmel u jtemm biċċa xogħol hekk iebsa bħalma hi t-traduzzjoni tal-ewwel taqsima tad-*Divina Commedia*. Għad li għalissa ma kellniex l-opportunità naqrawha, nistgħu ngħidu biss li, kif diġà għidna, it-traduzzjoni tal-versi ta' Dante fid-*Divina Commedia* hija biċċa xogħol iebsa għal traduttur bil-Malti wisq iżjed milli setgħet tkun għal traduttur b'ilsien ieħor li fih l-isvilupp letterarju jimraħ iżjed fil-wisa' milli fil-Malti.

S'issa traduzzjonijiet bil-Malti li saru mid-*Divina Commedia* u minn xi Rime ta' Dante huma, tista' tgħid, ta' xi siltiet. Insemmu l-Kant 33 tal-*Infern* maqlub b'versi kwinarji magħqudin u bi strofi ta' kwartini b'rima mbewsa mill-pinna ta' Richard Taylor fl-1846. Fil-Prefazzjoni Taylor jistqarr li din it-traduzzjoni għamilha b'esperiment biex jekk tingħoġob jindaħal biex jittraduċi d-*Divina Commedia* kollha. Imma wara ftit snin Taylor miet u l-ħsieb tiegħu baqa' ma seħħx.

Tajjeb, iżda, li wieħed hawnhekk isemmi l-opinjoni ta' Taylor stess dwar ix-xogħol tat-traduzzjoni tad-*Divina Commedia* magħmula f'ilsna oħra. Skond il-fehma tiegħu, it-traduzzjonijiet li qara bl-Ingliż u bil-Franċiż kienu hekk dgħajfa li wasal biex jistqarr *li dawk kollha li ħlew iż-żmien biex iġibu d-Dante f'ilsienhom jew kienu joħolmu jew ta' min jitfagħhom mal-imġienen*. Ma naħsibx, iżda, li Taylor kien jieħu gost jingħadd ma' dawk li kieku rnexxielu jittraduċi d-*Divina Commedia* kollha bil-Malti kif xtaq hu!